MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 70/2011

**Paul Scicluna Karta tal-identita` numru 42655G f'isem il-kumpanija "Scicluna Enterprises Limited" *recte* "Scicluna Enterprises (Gozo) Ltd", numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C5030**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Paul Scicluna *nomine* datat 15 ta' Dicembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi fit-8 ta' Awwissu 2007, l-esponenti intavola appell quddiem dak li dakinhar kien il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar

kontra l-inkluzjoni ta' art proprjeta` tal-kumpanija f'arja skedata bhala *"area of Ecological Importance", "area of High Landscape Value*" u wkoll bhala *"Special Area of Conservation of International Importance",* liema appell kien inghata r-riferenza PAB 192/07; L-art tal-esponenti hija maghrufa bhala "Ta' Ghajn Barrani" fil-limiti taz-Zebbug u x-Xaghra, Ghawdex.

Illi permezz ta' ittra minghand it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' Novembru 2011, l-esponenti gie nfurmat, *tramite* l-perit ta' fiducja tieghu, l-AIC Saviour Micallef, li l-appell tieghu kien thalla ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2011.

Illi permezz ta' ittra tas-16 ta' Novembru 2011, li giet kkonsenjata personalment bl-idejn mill-esponenti fir-Registru ta' dak it-Tribunal fis-17 ta' Novembru 2011, l-esponenti irtira l-appell tieghu u talab li t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dak l-appell.

Illi cioe` *nonostante*, it-Tribunal xorta wahda ghadda sabiex ipprolata s-sentenza tieghu fid-29 ta' Novembru 2011.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'dik is-sentenza u minnha qieghed jmterponi umili appell kontra taghha.

Illi l-aggravju huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi fil-mument li dahlet fir-registru tat-Tribunal l-ittra li permezz taghha l-esponenti rtira l-appell tieghu, it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar gie zvestit mill-gurisdizzjoni li, sa dak il-mument, huwa kellu sabiex jiehu konjizzjoni, jisma' u jiddeciedi dwar l-appell intavolat mill-esponenti. Per konsegwenza s-sentenza li nghatat fid-29 ta' Novembru 2011 inghatat minn Tribunal li ma kellu ebda kompetenza sabiex jaghtiha u ghalhekk ukoll hija rrita u nulla.

Huwa principju bazilari fis-sistema guridiku ta' pajjizna, u regola ta' procedura li torbot lil kull tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, bhal ma huwa t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li persuna fizika jew morali (Tizju)

li tadixxi lil dak it-tribunal partikolari ghandha d-dritt rrevokabbli li fid-diskrezzjoni insindikabbli taghha fi kwalsiasi mument li jidhrilha hija tirtira l-procedura istiftwita minnha.

Huwa minnu li fil-mument li jsir dan, l-istat ta’ fatt kif ukoll dak legali jirrivertu ghall-pozizzjoni li kienet fis-sehh qabel ma nbdiet dik il-procedura; u huwa minnu wkoll li jista’ jkun li bil-fatt li Tizju jkun irtira l-procedura mibdija minnu, huwa ddekada minn xi drittijiet li seta’ kellu qabel ma nbdiet tali procedura. Imma dan kollu ma jfissirx, u ma jista’ qatt ifisser, li t-Tribunal li jkun gie adit minn Tizju fil-bidunett, jista’, jew ghandu xi dritt, li minkejja l-volonta` espressa minn Tizju, ikompli jisma’ jew jiddeciedi dwar il-procedura li tkun giet irtirata. Fil-mument li tigi prezentata nota ta’ cessjoni, it-Tribunal ikun gie zvestit minn kull kompetenza jew gurisdizzjoni li seta’ kellu, u jispetta lilu biss jiddikjara li huwa qed jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Kwalsiasi decizjoni ohra da parti tat-Tribunal originarjament adit minn Tizju tkun affetta b’kull difett u vizzju immaginabbli - li nghata minn Tribunal li ma ghandux gurisdizzjoni u/jew kompetenza; li tkun marret *ultra petita* u *extra petita,* li tkun nulla, li inghatat fi procedura inezistenti, biex jissemmew biss ftit.

Ghaldaqstant fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-provi diga` prodotti, u jirrizerva d-dritt li jipproduci provi ulterjuri skont il-ligi, l-esponenti qieghed umilment jintavola appell kontra s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta’ Novembru 2011 fl-atti tal-Appell PAB 192/07/CF fl-ismijiet premessi u jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1 Tiddikjara li dik is-sentenza hija nulla u ma taghmilx stat kontra l-esponenti; u

2 Konsegwentement tordna lill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tikkancella kull riferenza ghall-ghoti ta’ din is-sentenza fil-konfront tal-art proprjeta` tal-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita`.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta’ Frar 2012 a fol 5 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa vera kopja tal-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet “**Paul Scicluna f’isem il-Kumpanija Scicluna Enterprises Ltd vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**” deciz mit-Tribunal.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta’ April 2012.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn esponiet: -

Illi permezz ta’ decizjoni moghtija mill-Bord tal-Awtorita’ appellata fit-28 ta’ Gunju 2007, gie ikkonfermat is-*scheduling* ta’ *boundary* tal-*area* maghrufa bhala Ghajn Barrani fil-limiti Taz-Zebbug u x-Xaghra, Ghawdex, kif publikat fil-GN 935 tas-sena 2006.

Illi l-appellant, appella minn tali decizjoni quddiem il-Bord tal-Appell ta’ Ippjanar (ilium it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-lppjanar) u qabel ma inghatat is-sentenza huwa irtira tali appell.

IIli f’dan il-kaz l-esponenti tirrileva semplicement illi bid-decizjoni moghtija mit-Tnibunal fid-29 ta’ Novembru 2011, l-istess Tribunal ikkonferma d-decizjoni tal-Bond tal-Awtorita’ supracitata u per tant tali decizjoni ghandha l-effett li tirriverti lill-appellant fil-pozizzjoni tieghu *status quo ante,* u cioe’ illi tirriverti l-pozizzjoni tal-appellant ghal dik illi kienet fis-sehh qabel ma nbdew il-proceduri tal-appell quddiem it-Tirbunal.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti bil-qima qeda tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta’ din l-Ononabbli Qonti tal-Appell.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr Aldo Vella ghall-appellanti

prezenti, u Dr. Noel Bartolo u Ivor Robinich ghall-Awtorita’ appellata li rrimettew ruhhom ghall-atti u l-partijiet qablu li minhabba l-fattispecie tal-kaz l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li b’ittra datata 16 ta’ Novembru 2011 is-socjeta’ appellanti kienet irtirat l-appell odjern sabiex tidderigi ruhha ahjar. Dan ifisser li minn dan il-mument meta dahlet fir-registru tat-Tribunal l-ittra msemmija t-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar gie zvestit mill-gurisdizzjoni li, sa dak il-mument, huwa kellu sabiex jiehu konjizzjoni, jisma’ u jiddeciedi dwar l-appell intavolat mill-esponenti. Ghalhekk isegwi li d-decizjoni li nghatat fid-29 ta’ Novembru 2011 inghatat minn Tribunal li ma kellu ebda kompetenza sabiex jaghtieha u ghalhekk hija rrita u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi fil-fatt huwa principju bazilari fis-sistema guridika ta’ pajjizna, u regola ta’ procedura li torbot lil kull tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, bhal ma huwa t-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li persuna fizika jew morali li tadixxi lil dak it-tribunal partikolari ghandha d-dritt irrevokabbli li fid-diskrezzjoni insindikabbli taghha fi kwalsiasi mument li jidhrilha hija tirtira l-procedura istitwita minnha. B’hekk l-appell qed jigi milqugh, b’dan li stante n-natura tal-kaz u kif il-partijiet ivverbalizzaw fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2012 l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-Awtorita’ appellata datata 23 ta’ April 2012 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-**

**appell interpost mis-socjeta' appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 15 ta' Dicembru 2012 peress li t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma kellux gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi l-kaz kif ghamel fid-29 ta' Novembru 2011 ghaliex b'ittra datata 16 ta' Novembru 2011 is-socjeta' appellanti kienet formalment irtirat l-appell, u ghalhekk din il-Qorti qed tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet "Paul Scicluna nomine vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" datata 29 ta' Novembru 2011 ghaliex hija nulla u bla effett.**

**Stante qbil bejn il-partijiet verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2012 l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------